# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT Dr Michael Mallia LL.D.

**Seduta tal-lum it-Tlieta 27 ta' Gunju 2000**

Citazzjoni numru 226/97MM

L-Avukat Dottor Alfred Grech

-vs-

Valerie Grech u b'digriet tat-13 ta' Marzu 2000 l-Avukat Dr Chris Said gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Valerie Grech u b'digriet tas-6 ta' April 2000 l-Avukat Dr Chris Said gie sostitwit u minfloku gie nominat l-Avukat Dr Mario Scerri biex jirrapprezenta lill-assenti Valerie Grech

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fl-10 ta' Novembru 1997 fejn wara illi ppremetta illi ghal xi zmien ir-relazzjonijiet konjugali bejn il-kontendenti ippeggjoraw, tant li llum qeghdin jghixu separatament minn xulxin, filwaqt li jinsabu ghaddejjin negozjati ghas-separazzjoni bonarja.

Illi miz-zwieg tal-kontendenti twieled tifel komuni, Robert Louis Grech, li twieled fit-3 ta' Jannar 1990 Pieta' Malta.

Illi fil-passat, kull meta kien jinqala' d-disgwid il-konvenuta kienet thedded li sejra titlaq u tallontana ruhha minn dawn il-Gzejjer u tiehu lit-tifel komuni, b'tali mod li l-attur jigi mcahhad mill-kura jew access ta' l-istess iben minuri.

Illi l-konvenuta hija ta' nazzjonalita' Amerikana u ghalhekk ikun ferm facli ghaliha li taghmel dak li qed jissuspetta l-attur, tenut kont ukoll tal-fatt li anke ibnu minuri huwa intitolat ghall-passaport Amerikan li irrizulta li jista' jinhareg, anke minghajr il-kunsens tieghu.

Illi ghalhekk l-esponenti htieglu jistitwixxi mandat ta' inibizzjoni biex iwaqqaf persuna milli tiehu minuri barra minn Malta, mandat numru 414/97 fl-ismijiet premessi, liema mandat gie esegwit kontra l-konvenuta fis-6 ta' Novembru 1997.

Jghid ghalhekk ghax m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Tinibixxi lill-konvenuta jew lil xi haddiehor jiehu l-imsemmi minuri, Robert Louis Grech, bin l-Avukat Dottor Alfred Grech u Valerie nee' Stephan mwieled Pieta' fit-3 ta' Jannar 1990 barra minn Malta inkella li johorgu barra mill-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati.

2. Taghti dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi, sabiex l-ordni taghha tigi esegwita.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi numru 414/97 kollha kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa mharrka ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Valerie Grech fejn eccepiet illi:

1. Illi l-eccipjenti qatt ma hedditu lil zewgha li titlaq mill-pajjiz flimkien ma' binhom minuri Robert Louis u dan il-biza' kollu u suspetti da parti ta' l-attur li martu ser tallontana ruhha mill-pajjiz flimkien ma' binha huma kollha nfondati u mhi xejn hlief iffissazzjoni zejda u paranoia da parti ta' l-attur.

2. Illi fil-waqt li tinsisti ghall-kustodja ta' binhom, l-eccipjenti la kellha u lanqas ghandha ebda hsieb li titlaq u tallontana ruhha mill-pajjiz flimkien ma' binha minuri;

3. Illi l-eccipjenti qatt ma cahhdet u lanqas qeghdha tipprova jew ghandha l-hsieb li tipprova ccahhad lill-attur mill-access ghall-ibnu Robert Louis.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tal-11 ta' Novembru 1999 fejn l-attur ghamel referenza ghac-citazzjoni numru 79/98 fl-ismijiet "Dr Alfred Grech –vs- Dr Mario Scerri noe" u irrileva illi l-provi ta' din il-kawza jinsabu fic-citazzjoni fuq imsemmija;

Rat illi l-Qorti ordnat l-allegazzjoni tax-xhieda moghtija f'dik il-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi minkejja illi l-Qorti akkordat seduta ghax-xhieda tal-konvenuta jew rapprezentant taghha dina ma dehritx u ghalhekk il-Qorti trid toqghod fuq l-iskorta ta' dak illi jirrizulta mid-dokumenti u x-xhieda migjuba mill-attur.

Jinghad mill-bidunett illi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta huma ben diversi mir-realta illi rrizulta effettivament wara il-prezentata ta' din il-kawza. F'dawn l-eccezzjonijiet il-konvenuta qeghdha tghid illi hija ma kellha l-ebda intenzjoni titlaq mill-pajjiz jew tallontana lil binhom minuri, Robert Louis, minghand l-attur jew b'xi mod iehor ma thallilux access, anzi tmur sa l-estrem u tghid illi din il-preokupazzjoni illi kien qed jimmanifesta l-attur kienet fissazzjoni zejda u paranoia.

Fil-fatt irrizulta illi l-attur kellhu ferm ragun biex jaghmel din il-kawza, il-ghaliex ftit taz-zmien wara l-prezentata ta' din ic-citazzjoni l-konvenuta telqet minn dan il-pajjiz b'mod klandestin u hadet maghha lil binha Robert Louis Grech.

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda moghtija mill-attur dwar il-kalvarju li kellhu jghaddi minnu sabiex jara lil ibnu u jerga jgibu lura taht il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti wara illi dan ittiehed, kif inghad, b'mod klandestin, u minghajr il-permess tieghu lejn l-Istati Uniti.

Il-Qorti ma tara xejn paranojiku fl-agir ta' l-attur, anzi l-avvenimenti illi graw wara l-prezentata ta' din ic-citazzjoni jaghtuh ragun mija fil-mija u dawn l-istess avvenimenti juru l-gustifikazzjoni tieghu illi jitlob l-inibizzjoni tal-konvenuta milli tallontana ruhha minn dawn il-Gzejjer bit-tifel minuri Robert Louis Grech.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur, tinibixxi lill-konvenuta jew xi hadd iehor milli jiehu l-imsemmi minuri Robert Louis Grech, bin l-Avukat Dr Alfred Grech u Valerie nee' Stephan, imwieled il-Pieta' fit-3 ta' Jannar 1990 barra minn Malta, inkella li johorgu barra mill-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.